MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 35/2012/1

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet hekk:

Illi r-rikorrenti kienet intavolat proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha li fil-fatt huma l-proceduri odjerni.

Illi ai termini tal-artikolu 66B jigi rilevat:

a. Illi allavolja l-partijiet jghixu taht l-istess saqaf, huma ilhom ma jghixu ta' mizzewgin ghal mill-inqas erbgha (4) snin.
b. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
c. Illi l-esponent jghaddi manteniment regolari ghall-minuri.

Illi huwa ghalhekk illi dan kollu mitlub mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatt.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula f' din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-affidavit ta' l-attrici;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu il-konvenut ma oggezzjonax ghat-talbiet attrici;

Peress li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Art. 66B tal-Kap 16 jinsabu sodisfacentement provati, tilqa' t-talba fit-termini taghha, u tordna d-debita korrezzjoni fir-rikors promotur.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------